**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 8 ta’ Settembru 2015 – Gold Crest vs UASI (MIGHTY BRIGHT)**

**(Kawża T-714/13)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali MIGHTY BRIGHT — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2015/C 346/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Gold Crest LLC (Goleta, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Rath u W. Festl-Wietek, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta’ Ottubru 2013 (Każ R 2038/2012-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali MIGHTY BRIGHT bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Gold Crest LLC għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).*

([1]) ĠU C 61, 1.3.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ Settembru 2015 – Pérez Gutiérrez vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-168/14)** ([1])

***(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Saħħa pubblika — Direttiva 2001/37/KE — Fabrikazzjoni, preżentazzjoni u bejgħ tal-prodotti tat-tabakk — Ritratti bil-kulur proposti mill-Kummissjoni bħala avviżi marbuta mas-saħħa li għandhom jiġu inklużi fil-kundizzjonijiet tal-prodotti tat-tabakk — Deċiżjoni 2003/641/KE — Użu mhux awtorizzat tal-immaġni ta’ persuna li mietet — Dannu personali tal-konjugu superstitu tad-decujus”)***

(2015/C 346/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ana Pérez Gutiérrez (Mataró, Spanja) (rappreżentant: J. Soler Puebla, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u C. Cattabriga, aġenti)